## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TLETTAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru, 2002 fis-2.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku (3.15pm) |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

### AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Rapport taż-Żjara f'Cassino l-Italja.
4) Tiżjien tal-Milied.
5) Attivitajiet għall-Anzjani.
6) Ordnijiet ta' Diaries.
7) Bank of Valletta.
8) Rapporti Finanzjarji Marzu - Settembru 2002.
9) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 13 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

13.(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi, l-Kunsill approva nem con il-Minuti ta' l-aħħar laqgħa tal-Kunsill li nżammet nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2002.

## 13(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*13.(2).1 Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija (13 / 11 / 2002)*

Din il-laqgħa saret fl-Uffiċċu tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-Kwartieri ĠEnerali fil-Floriana. F'din il-laqgħa l-Kunsill fisser id-diffikutajiet fil-lokalita' fosthom, il-preżenza tal-Pulizija fl-Isla,

l-bżonn li l-Għassa tkun miftuħa aktar matul l-jum u filgħaxija, t-tfiegħ ta' siringi fit-toroq, żamma ta' klieb fix-xelters mingħajr permess, security patrols l-aktar fil-ħinijiet ta' filgħaxija. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Kummissarju J. Rizzo, l-Assisstent Kummisarju Abela u s-Supretendent L. Cutajar min-naħa tal-Pulizija u s-Sindku Joseph Casha, l-Viċi Sindku Walter Ahar u Alphonse Zammit is- Segretarju Eżekuttiv min-naħa tal-Kunsill.

*13.(2).2 Maltapost (14 / 11 / 2002)*

Saret laqgħa ma' rappreżentant tal-Maltapost fuq talba tagħhom fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fejn ġie mfisser il-prodotti u s-servizzi li l-Maltapost kienet qed toffri.

F'din il-laqgħa ġejna nfurmati li hemm ippjanat li Maltapost titrasferixxi l-posta li hemm f'Bormla għaż-Żejtun.

*13.(2).3 Ruth Tanti (14 / 11 / 2002)*

Saret laqgħa mal-Familja ta' Ruth Tanti dwar it-talba li dawn kienu għamlu lill-Kunsill biex jagħti donazzjoni biex ikopru l-ispejjeż tal-biljett ta' l-ajru biex Ruth Tanti tkun tista' tieħu sehem barra minn Malta fil-Kampjonat mondjali tal-Kick-Boxing.
Il-Kunsill ma' kienx qabel li jsir dan pero' lest li jgħin fit-training li Ruth Tanti ser ikollha bżonn il-quddiem.

*13.(2).4 Lejla Letterarja (15 / 11 / 2002)*

L-Għaqda Letterarja Maltija tellgħet il-lejla Letterarja Annwali tagħha fis-Sala tal-Kunsill fejn taw il-premjijiet tal-konkorsi li din l-istess Għaqda ħejjiet matul is-sena.

L-attendenza kienet waħda tajba ħafna waqt li ġew ippreżentati xogħlijiet letterarji ta' livell għoli. Il-Kunsill ħejja drinks u snack għall-okkażjoni.

Il-Kunsill irċieva ttra ta' ringrazzjament mill-Għaqda Letterarja Maltija għall-koperazzjoni u l-appoġġ li l-Kunsill wettaq u wera għal din l-attivita (21/11/02).

*13.(2).5 Ftuħ ta' l-Appoġġ (16 / 11 / 2002)*

Is-Sindku attenda għall-ftuħ taċ-Ċentru ta' l-Appoġġ li hemm fil-Birgu.

*13.(2).6 Kunsill Skolastiku (19 / 11 / 2002)*

Saret laqgħa fil-Kunsill mas-Sinjorina Jane Axisa, Kap ta' l-Iskola u s-Sur Arthur Napier, President tal-Kunsill Skolastiku. Din il-laqgħa saret bi tħejjija għall-ftuħ ta' Librerija tal-Qari għat-tfal fl-Iskola. Dan il-ftuħ huwa propost li jsir nhar l-erbgħa 11 ta' Diċembru 2002. (Programm u minuti tal-laqgħa mehmuża).

*13.(2).7 Żjara f'Cassino - Ġemellaġġ ( 20-24/11/2002)*

Il-Kunsill għamel żjara fil-Belt ta' Cassino fuq stedina tal-Comune ta' Cassino bħala parti mid-diskussjonijiet biex isir Ġemellaġġ bejn il-Belt ta' l-Isla u ta' Cassino. ( Abbozz ta' ftehim mehmuż).

*13.(2).8 Ġurnata ta' Attivitajiet għaż-Żgħażagħ ( 26 / 11 / 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Reno Chircop attendew għal laqgħa dwar attivitajiet mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ.

F"din il-laqgħa s-Sindku wera t-tħassib tiegħu li l-Kunsill qed isir nuqqas kbir ta' parteċipazzjoni miż-żgħażagħ fl-attivitajiet li l-Kunsill itellgħa minn żmien għal żmien.

Ġie ssuġpġerit li fit-8 ta' Mejju 2003 il-Kunsill jorganiżża ġurnata ta' attivitajiet bil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u tal-Kunsill.

*13.(2).9 Works Division - Diviżjoni tax-Xogħlijiet (27 / 11 / 2002)*

Saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill dwar ħlasijiet pendenti ta' xogħlijiet li twettqu għall-Kunsill fis-snin 1994 - 1997.

Il-Kunsill dejjem sostna bid-dokumenti ffirmati mill-Contract Manager tal-Kunsill li l-biċċa l-kbira tax-Xogħlijiet imsemmija qatt ma' twettqu.

F'din il-laqgħa ġie ċċarat għas-sodifazzjon taż-żewġ naħat liema xogħlijiet l-Kunsill kien aċċetta li saru u dawk li ġew rifjutati. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Joseph Casha, s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit u Joseph Magro u Charles Briffa (Foreman) f'isem id-Dipartiment tal-Works Division.

*13.(2).10 HSBC Bank (27 / 11 / 2002)*

Saret laqgħa mal-Manager ta' l-HSBC u Patri Mark Montebello.

*13.(2).11 Pooling tal-Kumitat Konġunt ( 28/ 11 / 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit attendew laqgħa fl-Uffiċċju tl-Kumitat Konġunt fejn ġie diskuss draft agreement dwar il-pooling tal-finanzi tal-Kumitat Konġunt.

Billi jidher li ma' kienx hemm qbil fil-prinċipju dwar ftehim ta' pooling minħabba oġġezzjonijiet kbar li tqajjmu minn Kunsilli diversi, sar qbil biex qabel laqgħa oħra tal-Kumitat Konġunt għal dan il-għan, jintbagħtu proposti għal alternattivi għas-sistema tal-pooling.

*13.(2).12* *Ħaddiem tas-Sena 2002 (30 / 11 / 2002)*

Għal din is-serata mtellgħa mill-Ministeru għall-Politika Soċjali attendew is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsilliera Mario Mizzi u Reno Chircop.

*13.(2).13* *Ħlas lil Silvar Construction & Services Ltd*

Dan il-Kuntrattur bagħta ittra bl-avukat dwar ħlasijiet pendenti li l-Kunsill kien qed jikkontestahom, fosthom il-persentaġġ tal-Contract Management Fees li hu dovut lill-Kunsill.

*13.(2).13.1* Wara li l-Kunsill iddiskuta fit-tul din l-ittra u fela l-ħlasijiet pendenti, l-Kunsillier Charmaine Gerada ressqet din il-mozzjoni :

"li wara li saret diskussjoni minn dak li joħroġ mill-Kuntratt tax-xogħol fuq l-uffiċċju tal-Kunsill jidher li l-kuntrattur għandhu obbligu li jħallas 1% flok 5% bħala Contract Management fees".

Għalhekk il-Kunsill għandhu jitħalla lura id-differenza ta' 4% li diġa' nżammet mill-Kunsill għall-ħlas ta' xogħol li dan il-kuntrattur wettaq"

*13.(2).13.2* Billi ma' kienx hemm sekondant din il-mozzjoni waqgħet.

*13.(2).13.3* Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill li fil-prinċipju huwa favur li dan il-ħlas jingħata lura lill-kuntrattur, il-Kunsill ma' għandhux jagħmel dan sakemm l-ittra ta' l-avukat tiġi rtirata.

*13.(2).13.4* Għal dan il-għan is-Sindku Joseph Casha ressaq mozzjoni li tgħid :

"Il-Kunsill lest jidħol f'diskussjoni biex il-ħlasijiet isiru hekk kif Silvar Construction & Services Ltd jirtiraw l-ittra bl-avukat."

Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar.

*13.(2).13.5* Il-votazzjoni kienet hekk :

Favur : Is-Sindku Joseph Casha, l-Viċi Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Mario Mizzi
Kontra : Xejn
Astensjoni: Il-Kunsillier Charmaine Gerada

Il-Kunsillier Reno Chircop ma' kienx preżenti fil-ħin ta' votazzjoni għax kellu jattendi laqgħa oħra f'isem il-Kunsill.

*13.(2).13.6* Għaldqstant għandha tintbagħat ittra lill-kuntrattur biex tfisser id-deċlżjoni tal-Kunsill.

*13.(2).14 Reserved Parking fi Triq San Ġużepp*

Il-Kunsill għandhu jibgħat għas-Sur L. Zammit biex jiddiskuti t-talba tiegħu fuq il-post stess.

*13.(2).15 C & F Family Self Service - Loading / Unloading*

Wara diskussjoni fit-tul u fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi il-Kunsill qabel unanimament li din it-talba tiġI milqugħa bi prova għal xahar.

Il-ħin stabbilit huwa bejn it-8.00am u l-12.00pm mit-Tnejn sas-Sibt.

*13.(2).16 Egħluq ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill ( 24 u 26/12/02 - 31/12 u 02/01/03)*

Il-Kunsill qabel li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ikun magħluq fl-24 u s-26 ta' Diċembru kif ukoll il-31 ta' Diċembru 2002 u t-2 ta' Jannar 2003.

*13.(2).17 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-11 u d-29 ta' Novembru 2002 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/2062/02 Silvar Construction & Services Ltd*

Il-Kunsill aċċetta t-talbiet mill-kuntrattur dwar arranġamenti li għandhom isiru biex jitwettaq xogħol ta' rikostruzzjoni ta' djar fi Triq San Filippu fl-Isla.

*04/2069/02/I Żjara tal-President ta' Malta (13/11/02)*

L-Uffiċċju tal-President ta' Malta informa lill-Kunsill li l-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta l-Professur Guido Demarco wera x-xewqa li jagħmel żjara fl-Isla fl-10 ta' Diċembru 2002. Il-Kunsill aċċetta din l-istedina u beda jħejji għal dan.

Iżda din Iż-żjara ġiet trasferita għal nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 2003.

*04/2084/02/I Senglea Best Singers Festival (13/11/2002)*

Il-Kunsill qabel li joffri trophies għall-ammont ta' m 15.00 għal dan il-Festival minħabba li l-iskop ta' dan il-Festival huwa sabiex Iż-żgħażagħ, speċjalment Sengleani, jingħataw opportunita' juru t-talenti vokali tagħhom.

*04/2111/02/I Senglea Athletics F. C.*

Talba għal sponsorship ta' Lm 40 mis-Supportors Club għal Tournament ta' ġurnata ta' futbol.

Għalkemm il-Kunsill xtaq li jgħin f'dan it-tournament ma' setgħax jilqa' din it-talba minħabba li l-fond għal dan il-għan ġie eżawrit. Fil-passat il-Kunsill għen sewwa lil dan il-klabb b'diversi modi u f'ħafna okkażjonijiet.

*Working Group Local Councils (25/11/02)*

Il-Professur Godfrey Pirotta, Direttur tal-Public Policy fil-Fakulta ta' l-Ekonomija, Management u Amministrazzjoni stieden lill-Kunsilli Lokali biex jiġi organiżżat Working Group dwar il-public policy fil-Kunsilli Lokali.

Għal din il-laqgħa sejrin is-Sindku Joseph Casha u s-Segrearju Eżekuttiv Alphonse Zammit nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2002 fis-2.00pm.

*04/2156/02/I Radju RTK*

Dan ir-Radio stieden lis-Sindku Joseph Casha biex jagħmillu intervista fuq RTK fit-30 ta' Diċembru 2002 fis-2.30pm.

*04/2164/02/I Emendi - Regolamenti u Proċeduri Finanzjarji*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna jattendu għal seminar ta' nofs ta' nhar dwarf l-emendi l-ġodda fil-Liġl tal-Kunsilli Lokali dwar ir-regolamenti u proċeduri finanzjarji nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2002 fis-2.00pm fil-Kunsill Lokali tal-Mosta.

*04/2166/02/I Roads, Sweeping & Weeding Report*

Il-Kunsill mhux qed jaqbel mar-rapport li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali joħroġ dwar lż-żamma u t-tindif ta' toroq u ġonna. Minkejja l-isforzi li qed isiru mill-Kunsill l-assessment qed ikun wieħed baxx.

Il-Kunsill sejjer jinforma dwar dan lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex rappreżentant tal-Kunsill ikun preżenti waqt li tkun qed issir l-assessment.

*04/2167/02/I Senglea Regatta Club (27/11/02)*

Issa li dan il-club rebaħ bl-unuri kollha ċ-challenge Cup tat-Tiġrija tat-8 ta' Settembru 2002 dan il-club bi ħsiebhu jibni kajjik u dgħajsa tal-midalji biex ikompli jkabbar dan l-isport tant popolari fl-Isla.

Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada approva x-xiri ta' materjal ta' njam għall-ammont ta' Lm 400 biex jinħadmu dawn l-opri tal-baħar li ser jintużaw minn żgħażagħ tal-lokal.

*04/2178/02/I Skola Lorenzo Gafa' (Birgu)*

Il-Kunsill qabel li jagħti żewġ kotba f'isem il-Kunsill bħala premjijiet waqt Iċ-ċerimonja ta' l-Għotja tal-Premjijiet li din l-iskola ser ittlla nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2002.

F'din l-iskola sekondarja jattendu tfal mill-Isla.

*04/2182/02/I Birthday Party fis-Sala tal-Kunsill*

Talba mill-familja Fva biex tagħmel birthday party fis-Sala tal-Kunsill fis-27 ta' Marzu 2003.

Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

*04/2186/02/I Liċeo Maria Regina Blata l-Bajda (29/11/02)*

Stedina biex is-Sindku Joseph Casha jattendi għal Jum il-Premjazzjoni fil-5 ta' Diċembru 2002 fis-6.00pm ta' din l-Iskola. Il-Kunsill qabel li jingħataw żewġ kotba bħala premjijiet għal din l-okkażjoni.

*04/2191/02/I Seminar "Flimkien Innaqqsu l-inċidenti fit-Toroq"*

Għal dan is-seminar li huwa mtella' mill-Kunsill Lokali ta' Marsascala ser jattendu s-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier reno Chircop.

*04/2192/02/I Librerija għall-Qari fl-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez*

Il-Kunsill Skolastiku stieden lill-Kunsill kollu biex jattendi għall-ftuħ uffiċċjali tar-Reading Library fl-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2002 fl-10.00am.

L-Inawgurazzjoni ta' din il-librterija li ġiet iffinanzjata mill-Kunsill lokali ser ssir mis-Sindku Joseph Casha u mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

## 13(3) Rapport taż-Żjara f'Cassino l-Itala

Il-Kunsill qabel li jappunta kumitat minn fost il-Kunsill ħalli jħejji rapport taż-żjara tal-Kunsill li saret f'Cassino bejn l-20 u l-24 ta' Novembru 2002.

Dan il-kumitat ingħaa l-inkarigu biex Iħejji l-preparamenti ħalli dak l-abbozz ta' ftehim li sar f'Cassino jiġl mwettaq.

Dan il-kumitat huwa magħmul minn Joeseph Casha s-Sindku bħala Chairman, il-Kunsillier Charmaine Gerada bħala Membru u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit.

L-ewwel laqgħa għandha ssir f'Jannar 2003.

## 13(4) Tiżjin tal-Milied

Minkejja l-interventi li saru mis-Sindku Joseph Casha biex it-tiżjin tal-Milied fit-toroq ta' l-Isla fi żmien il-Milied isiru mill-Kumitat tal-Festa lokali dan ma' ġiex aċċettat. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li t-tiżjin tal-Milied fit-toroq isiru mill-kuntattur.

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva li jivvota Lm 450 għal tiżjin tal-Milied.

Għas-sena d-dieħla l-Kunsill bi ħsiebhu jibda jaħseb minn qabel biex jidħol biex jagħmel dan it-tiżjin tad-dawl hu stess.

## 13(5) Attivita' "Rigal lill-Anzjani"

Bħal kull sena l-Kunsill ser jorganiżża Serata Soċjali għall-Anzjani tal-lokal fi żmien il-Milied.

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada l-Kunsill qabel li jissussidja din l-attivita' billi jivvota Lm 330 għal spejjeż ta' din l-attivita'. Għal din l-attivita' ser ikunu mistiedna d-Deputati Parlamentari tat-2 Distrett.

Il-Kunsill qabel li jsiru diskorsi qsar għall-okkażjoni mis-Segretarju Parlamentari għall-Anzajn Dr Antoine Mifsud Bonnici, mis-Sindku Joseph Casha u mill-Viċi Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi.

## 13(6) Ordnijiet ta' Diaries

Il-Kunsill qabel li jsiru diaries għas-sena 2003 bl-emblema tal-Kunsill Lokali biex jingħataw lill-Kunsilliri, membri tas-Sotto Kumitati u lill-istaff tal-Kunsill.

## 13(7) Bank of Valletta

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-servizz speċjali li kien jingħata lill-Anzjani mill-Isla ta' kull nhar ta' Sibt ser jiġi mwaqqaf. Dan minħabba li l-bank għamel arranġamenti oħra u reġa' fetaħ l-uffiċċju l-qadim li għandhu f'Bormla biex is-servizz ta' tisrif ta' ċekkijiet isir aktar malajr.

Barra dan il-Bank fetaħ ATM f'Misraħ 4 ta' Settembru biswit l-uffiċċju l-qadim tal-Kunsill. Din l-ATM tista' tintuża kemm mill-Bank of Valletta u kemm mill-HSBC.

Min-naħa tiegħu l-Kunsill żamm id-deċiżjoni li jkompli joffri servizz ta' mini bus b'xejn għall-anzjani biex jinżlu Bormla kull nhar ta' Sibt. Il-Kunsill bagħat ittra lill-Bank of Valletta u lill-HSBC dwar dan.

## 13(8) Rapporti Finanzajri Marzu - Settembru 2002

Ġew ippreżentati r-rapporti finanzjarji ta' kull tlett xhur li jkopru il-perjodu April, Ġunju u Lulju, Settembru 2002.

### *13(8).1 Balance Sheet*

Ġiet ippreżentata balance sheet tal-Kunsill għal perjodu bejn April u Settembru 2002. Kopja ta' din intbagħtet lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 13(9) Ordnijiet ta' pagamenti u l-iffirmar ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar, issekondata mill-Kunsillier Charmaine Gerada l-Kunsill approva ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm 14, 704.30ċ.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fid-9.05pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

---

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |